MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 135/2005

**Cassar & Cooper (S&I) Limited**
**(C – 424)**

**vs**

**Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited**
**(C – 17421)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-4 ta' Frar, 2005, li permezz taghha s-socjeta` attrici ippremettiet sintetikament is-segwenti:

1.1. Illi topera l-garr tal-merkanzija lejn Malta mill-kontinent u vice-versa;
1.2. Illi fl-operat ta' dan in-negozju s-socjeta` attrici inkarigat lil dik konvenuta ggib Malta mill-Italja merkanzija

ta' diversi klijenti bit-"*trailer*" skont l-"*international consignment note*" u l-manifest relattiv, (ara fol 8 u 9);

1.3. Illi l-merkanzija nvoluta tghabbiet fuq "*trailer*" tas-socjeta` konvenuta bit-targa TR 459, li wasal Malta fil-15 ta' Marzu, 2004;

1.4. Illi meta s-socjeta` attrici fethet it-"*trailer*" f'Hal-Far fil-"*Groupage Bond Complex*" fil-prezenza ta' l-ufficcjal tad-dwana, irrizulta li kien hemm diversi nuqqasijiet u hsarat fil-merkanzija;

1.5. Illi dawn in-nuqqasijiet u hsarat sehhew waqt li l-merkanzija kienet taht il-kustodja u responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta;

1.6. Illi meta nterpellata, is-socjeta` konvenuta sostniet li l-hsarat u nuqqasijiet riskontrati sehhew f'serqa li saret mit-"*trailer*";

1.7. Illi s-socjeta` attrici qieghda tinzamm responsabbli ghad-danni sofferti mir-ricevituri tal-merkanzija *de quo* permezz ta' zewg kawzi hemm indikati, (ara fol 1);

1.8. Illi bhala l-persuna li hi obbligata twassal il-merkanzija fl-istess kondizzjoni u kwantita` li tkun ircevietha, is-socjeta` konvenuta hi responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat riskontrati, u ghad-danni u l-ispejjez sofferti mis-socjeta` attrici;

1.9. Illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata biex tersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni, baqghet inadempjenti;

1.10. Illi ghalhekk is-socjeta` attrici aderiet din il-qorti biex is-socjeta` konvenuta jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.10.1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hi unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici rizultat tal-infraskritt meta l-merkanzija in dizamina kienet taht il-kustodja u responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta;

1.10.2. Tillikwida d-danni, inkluzi l-ispejjez konsegwenzjali, sofferti mis-socjeta` attrici, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

1.10.3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas id-danni hekk likwidati lis-socjeta` attrici;

1.10.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici u bl-imghaxijiet legali dovuti;

2.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-23 ta' Frar, 2005, li permezz taghha s-socjeta` konvenuta sintetikament eccepiet is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2.2. Illi s-socjeta` konvenuta ma tahti xejn ghall-allegati nuqqasiiet u hsarat;

2.3. Illi ghalhekk l-ebda danni m'ghandhom jigu likwidati fil-konfront taghha;

2.4. Illi l-garr in dizamina hu regolat bil-konvenzjoni CMR u ghalhekk huma applikabbli l-limitazzjonijiet inkluzi fl-istess regoli – b'mod partikolari l-artiklu 23 tal-imsemmija konvenzjoni;

2.5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

3. Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici datat is-6 ta' Mejju, 2005, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet li l-kawza fl-ismijiet *Atlas Insurance Limited* vs *Cassar & Cooper (S&I) Limited*, numru tac-citazzjoni 664/2004 tigi mismugha mal-kawza odjerna, (ara fol 35);

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-16 ta' Mejju, 2005, li permezz tieghu laqghet it-talba u irrikjamat il-kawza indikata fil-paragrafu precedenti biex tigi trattata u deciza minn din il-qorti kif preseduta, (ara fol 39);

5. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu awtorizzat lis-socjeta` attrici tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fiz-zmien lilha hemm moghti, (ara fol 136);

6. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

7. Ezaminat ukoll ix-xhieda mismugha mill-qorti diversament preseduta;

8. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu elenkati sintetikament bil-mod segwenti:

9.1. Illi l-merkanzija mertu tal-procedura odjerna tghabbiet mill-mahzen tad-ditta trasportatrici internazzjonali "*Proxima World S.r.l.*", (ara fol 42);

9.2. Illi t-taghbija tal-istess merkanzija kienet wahda limpida u perfetta kif jikkonferma x-xhud prezenti ghall-istess, (ara fol 42);

9.3. Illi wara li t-taghbija giet hekk imqieghda fit-"*trailer*" in dizamina, tpogga s-sigill bin-numru 420482, (ara dokument a fol 8 u 43);

9.4. Illi meta l-merkanzija in dizamina giet zbarkata Malta is-socjeta` attrici infurmat lis-socjeta` speditrici Taljana fuq indikata, (ara paragrafu disgha punt wiehed, (9.1), aktar qabel), li t-"*trailer*" in kwistjoni kellu bieb iehor fuq quddiem – haga li zbalordiet lir-rapprezentant tal-istess socjeta` Taljana, *de quo*, (ara fol 42);

9.5. Illi generalment "*trailers*" ikollhom bieba wahda fuq wara biss, li minnha  jsir it-taghbija u l-hatt li jkun hemm boznn;

9.6. Illi fil-mument tat-taghbija tal-merkanzija fit-"*trailer*" fl-Italja, hadd mill-impjegati tas-socjeta` Taljana fuq riferita li ghabbiet il-merkanzija fl-istess "*trailer*" ma induna b'dan il-bieb falz fuq quddiem, (ara fol 41);

9.7. Illi l-merkanzija in dizamina kienet tas-socjeta` *D. Tanti & Company Limited* u tas-socjeta` *Michele Peresso Limited*;

9.8. Illi ghall-garr tal-merkanzija *de quo* is-socjeta` attrici qabdet lil dik konvenuta biex taffettwa l-garr *de quo*, li minn naha taghha inkarigat lis-socjeta` *Proxima World S.r.l.* biex f'isimha tespleta l-inkarigu moghti;

9.9. Illi t-"*trailer*" in dizamina, bin-numru TR 459 wasal Malta fil-15 ta' Marzu, 2004;

9.10. Illi meta it-"*trailer*" infetah f'Hal-Far, (ara paragrafu wiehed punt erbgha (1.4), aktar qabel), fil-prezenza tal-ufficcjali tad-dwana Maltija instabu diversi nuqqasijiet u hsarat fil-merkanzija;

9.11. Illi minn investigazzjoni sussegwenti irrizulta li dawn sehhew imhabba serqa li sehhet meta l-merkanzija kienet fil-kustodja tas-socjeta` konvenuta meta t-"*trailer*" kien ipparkjat fil-port ta' Genove, l-Italja;

9.12. Illi s-socjeta` *Michele Peresso Limited* kienet giet risarcita ghad-danni sofferti kagun tal-istess mis-socjeta` assiguratrici *Atlas Insurance Limited*;

9.13. Illi s-socjeta` assiguratrici msemmija fil-paragrafu precedenti fittxet lis-socjeta` attrici odjerna ghad-danni f'kawza bin-numru 470/2004 li giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 t'Ottubru, 2012, (ara fol 131 *et sequitur*) li kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici d-danni minnha sofferti, bl-ispejjez;

9.14 Illi *di piu`*, l-istess *Atlas Insurance Limited* qed issostni li hallset id-danni sofferti mis-socjeta` *D. Tanti & Company Limited* u ghadha ma gietx ikkonpensata ghal dan;

9.15. Illi konsegwenza ta' dak indikat fil-paragrafu precedenti l-istess socjeta` assiguratrici intavolat kawza ohra kontra s-socjeta` attrici odjerna, (Citazzjoni Numru 664/04), ghad-danni u spejjez u imghaxijiet involuti;

9.16. Illi fil-kawza odjerna s-socjeta` attrici qed tfittex lis-socjeta` konvenuta ghad-danni kollha minnha sofferti ghat-telf tal-merkanzija in dizamina stante li l-garr tal-merkanzija *de quo* kien ir-responsabbilita` tal-istess socjeta` konvenuta;

9.17. Illi kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni in atti u mix-xhud li kien prezenti fil-mument tat-taghbija tal-merkanzija *de quo* fuq it-"*trailer*" tas-socjeta` konvenuta, il-merkanzija kienet fi stat pristin u fil-kwantitajiet indikati fid-dokumenti appoziti, (ara fol 8 u 43);

9.18. Illi pero` skont il-"*Condition Report*" redatt mis-"*surveyor*" inkarigat jirrizulta s-segwenti: (ara fol 44 *et sequitur*)

9.18.1. Illi kif infetah it-"*trailer*" mill-ewwel deher li gie manomess peress li kien gie osservat merkanzija fl-art;

9.18.2. Illi kien ovvju li xi hadd mhux maghruf kien dahal fit-"*trailer*" mill-bieb ta' quddiem u seraq kwantitajiet differenti tal-merkanzija li kienet fit-"*trailer*";

9.19. Illi hu pacifiku li min igorr il-merkanzija jgorr ir-responsabbilita` fir-rigward tal-hsarat li jistghu jigu sofferti min sid il-merkanzija stante li din tkun kompletament taht il-kura u kustodja tieghu;

9.20. Illi kif irriteniet il-**Qorti tal-Kummerc** fil-kawza fl-**ismijiet Mizzi nomine vs Pace nomine**, datata s-**7 ta' Mejju, 1955, (Vol. XXXVII.III.874)**:

"Meta fil-polza tal-kariku jinghad li l-merkanzija giet ricevuta … f'kondizzjoni apparenti tajba dan jikkostitwixxi ammissjoni da parti tal-vettur li hu ircieva … fi stat tajjeb il-merkanzija", (ara p.876);

9.21. Illi *di piu`*, l-istess sentenza citata fil-paragrafu precedenti tkompli ticcara li:

“Il-vettur hu responsabbli ghall-hsara li tigri lill-merkanzija minhabba n-nuqqas tieghu li juza dik il-prudenza, diligenza u attenzjoni li kien missu juza”, (ara p.877);

9.22. Illi fit-termini tal-artiklu 17 (1) tal-konvenzjoni CMR dan jistabbilixxi s-segwenti:

“The carrier shall be liable for the total or partial loss of the goods and for damages thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery, as well as for any delay in delivery”;

9.23. Illi ghalhekk, in vista tal-premess is-socjeta` konvenuta ma tistax tezimi ruhha mir-responsabbiltajiet mitfugha fuqha mill-fatt li hi kienet is-socjeta` li qed iggorr il-merkanzija in dizamina meta sar is-serq riskontrat;

9.24. Illi d-danni sofferti mis-socjeta` attrici jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

9.24.1. Is-somma ta’ ghoxrin elf u wiehed u tmenin Ewro u erbgha u hamsin centezmu, (€20,081.54), kif deskritt a fol 140);

Ikkonsidrat:

10.0. Illi tenut kont tal-analizi fuq indikat din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` attrici ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta, takkolji t-talbiet tas-socjeta` attrici, u konsegwentement:

**DECIDE:**

10.1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta *Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited* hi unikament responsabbli

ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici *Cassar & Cooper (S&I) Limited* meta l-merkanzija in dizamina kienet taht il-kustodja u responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta fuq indikata;

10.2. Tillikwida d-danni tal-procedura odjerna fl-ammont ta' ghoxrin elf u wiehed u tmenin Ewro u erbgha u hamsin centezmu, (€20,081.54), ghal dak li jirrigwarda l-merkanzija tas-socjeta` *Michele Peresso Limited* u tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u sitta u sittin Ewro u tmienja u erbghin centezmu, (€22,466.48), ghal dak li jirrigwarda l-merkanzija tas-socjeta` *D. Tanti & Company Limited*, komplessivament ammontanti ghal tnejn u erbghin elf, hames mija u sebgha u erbghin Ewro u tmienja u disghin centezmu, (€42.547,98);

10.3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta *Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited* thallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata;

10.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici u bl-imghaxijiet legali dovuti mill-4 ta' Frar, 2005 sad-data tal-effettiv pagament.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------